MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 334/2014

Appell Nru: 334/2014

Il-Pulizija

Vs

Carmel sive Charles Spiteri

Illum 26 ta' Marzu, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Carmel sive Charles Spiteri, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 387261M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer fit-12 ta` Gunju, 2002, u matul l-ahhar granet qabel din id-data:

a) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-Medicina Perikoluzi, Kapitolu 101, tal-Ligijiet ta` Malta, meta ma kienx fil-pussess ta` awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-dispozizzjonijiet tar-raba` u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma` kienx bil-licenzja jew b'xorta ohra awtorizzat li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u ma` kontx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta` Malta li jkollu fil-pussess tieghu dina d-droga, u naqas li jipprovdi li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolament tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta` Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu;

b) Talli ukoll ikkommetta reat fil-perjodu operattiv ta` sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta` Malta, Magistrat Dr. A. Lofaro, LL.D, datata 6 ta` Lulju, 2000.

Il-Qorti qed tigi wkoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordnalu thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fis-17 ta' Lulju, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 28A u 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, ir-regolament 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22 (1) (a), 22 (2) (b) (i) (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta` Malta; l-Qorti tikkundannat lill-imputat ghal terminu ta` prigunerija ta` sentejn (2) u ghall-hlas ta`

multa ta` tmien mija u tmenin ewro (€880). Jekk xi parti minn dina l-multa ma tithallasx, din ghandha tinbidel f'jum prigunerija ghal kull hdax-il ewro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) li ma jithallsux.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-istess Carmel Sive Charles Spiteri, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-29 ta' Lulju, 2014, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha:

A. in vista tad-difetti legali fis-sentenza, jogghobha tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjara nulla u bla effett u sabiex l-esponenti ma jkunx ipprivat mid-*doppio esame* li l-atti ta' din il-kawza jkunu rimandati lill-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex tghaddi ghas-sentenza mil-gdid, jew
B. Jogghobha tvarja u timmodifika s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn l-esponenti gie dikjarat mhux hati [jekk hekk gie] u tirrevokaha in kwantu l-parti fejn l-esponenti gie misjub hati u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija jew
C. alternattivament u subordinatament, f'kaz li tikkonferma s-sentenza fl-intier taghha in kwantu ghal htija tal-esponenti li tvarja s-sentenza billi l-piena nflitta tkun piena aktar ekwa, gusta u miti mal-kaz odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-aggravji huma cari u manifesti. Ghall-ahjar kjarezza tal-hsieb l-esponenti qieghed jelenka fil-qosor dawn l-aggravji u wara jghaddi sabiex jamplifika l-istess:

1. Punti ta' dritt in konnessjoni mal-validita` tas-sentenza moghtija u li minnha qieghed jigi nterpost dana l-umli appell;
2. Umilment l-appellant jissottometti illi l-Ewwel Onorabbli Qorti agixxiet bhala Qorti tal-Appell u mhux ta’ Prim’Istanza, tant li strahet fuq is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tad-29 ta’ Mejju 2009 meta hija lanqas qatt ma kellha tikkunsidra l-istess sentenza;
3. L-esponenti bir-rispett jishaq ukoll illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi li jirrendi s-sentenza bhala wahda *unsafe and unsatisfactory for confirmation upon appeal,* meta hija injorat id-difetti ferm evidenti fit-tezi tal-prosekuzzjoni li ma jwasslux ghall-konvinzjoni tal-htija tal-esponenti *beyond reasonable doubt*;
4. Inoltre umilment l-esponenti jissottometti illi s-sentenza ma hijiex *safe and satisfactory* wkoll ghaliex il-provi in difesa kienu tali illi, fuq bazi ta’ probabilità, jindikaw illi l-appellant ma huwiex effettivament hati tar-reat li huwa nstab hati tieghu;
5. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konverzjoni tal-multa imposta fuq l-esponenti fis-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti ma hijiex skond il-Ligi;
6. Illi inoltre l-piena edotta fil-konfront tal-appellant hija harxa wisq.

1. <u>Punti ta' Dritt in konnessjoni mal-validita tas-sentenza mertu ta' dan l-appell</u>

Filwaqt li huwa ferm odjuz li jkunu ntavolati u mressqa l-quddiem dawn it-tip ta' aggravji, wiehed ma jistax jzomm lura milli jaghmel dan, meta l-vot tal-ligi ossia tal-Kodici Kriminali fil-kaz odjern, fejn il-ligi tistabilixxi l-kriterji rikjesti *sine qua non* sabiex jkun hemm kollox legalment validu, jkun miksura.

Dan l-aggravju jsib konfort fl-ispjegazzjoni tieghu ta' x'wassal lill-Ewwel Qorti li tiehu l-izball odjern, fl-aggravju segwenti, fejn sejjer jigi amplifikat kif l-Ewwel Qorti agixxiet ta' Qorti ta' l-Appell u mhux Qorti tal-Prim Istanza.

Tant l-Ewwel Qorti, *bent herself backwords* sabiex izzomm ferm is-sentenza moghtija mil-Magistrat Quintano fis-sena 2009, sentenza dikjarata mil-Qorti ta' L-Appell Kriminali bhala wahda nulla, li effettivament l-istess Qorti tal-Magistrati meta giet biex ghaddiet ghas-sentenza fis-17 ta' Lulju 2014, effettivament lanqas biss ghamlet dikjarazzjoni in konnessjoni mat-tieni mputazzjoni ossia l-ksur tal-artikoli 28A tal-Kodici Kriminali, ma tatx raguni fuq dawn izda semplicement ghaddiet biex imponiet l-istess piena fuq l-esponenti daqs kemm kien wehel fis-sena 2009!

Di piu` ghandu jigi mfakkar ukoll kif effettivament, l-esponenti ma jafx jekk huwa giex misjub hati tal-ewwel imputazzjoni biss, jew taz-zewg imputazzjonijiet moghtija kontra tieghu!

Analizi tas-sentenza filwaqt li turi fil-parti preliminari liema artikoli ccitat l-Avukat Generali, fil-parti tad-decizjoni ma specifikatx il-Qorti tal-Magistrati a bazi ta' liema artikoli din il-Qorti fis-sena 2014 sabitu hati. Dan jikkontrasta bil-kbir ma' dak li sehh fis-sentenza tal-2009.

Dan in-nuqqas jikser b'mod car l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali li jrendi s-sentenza bhala wahda nulla u bla effett. Stante li l-legislatur minn dejjem ried li l-hati jkun jaf ezattament ta' xhiex huwa nstab hati u mhux jrid jaghmel xi ezercizzju ta' guess work.

2. <u>L-Ewwel Onorabbli Qorti agixxiet bhala Qorti tal-Appell</u>

Minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti.

Illi s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-2009 giet dikjarata nulla mill-Qorti tal-Appell Kriminali [per Onor. J. Galea Debono] [1], liema Qorti ordnat sabiex l-atti jintbaghtu lura lill-Qorti tal-Magistrati sabiex tinstema' x-xiehda importanti ta' Noel

[1] **"Il-Pulizija v. Carmel sive Charles Azzopardi",** Qorti tal-Appell Kriminali, 16/07/2009.

Azzopardi u tigi traskritta skond il-Ligi, u wara tinghata sentenza mill-gdid. Ghaldaqstant kienet ordnat sabiex l-esponenti jigi mpoggi fl-istat li kien fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2008 qabel ma xehed l-istess Azzopardi.

Ghalhekk huwa evidenti li s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-2009 ma kellhiex tigi uzata mill-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex il-kaz tal-esponenti jigi deciz mill-gdid, izda jidher ampjament car li hekk ghamlet il-Qorti tal-Magistrati [per Mag. Peralta]. L-esponenti bir-rispett, jishaq illi l-Ewwel Onorabbli Qorti tat ferm aktar kaz tas-sentenza moghtija kontrieh fis-sensa 2009 milli tal-provi effettivament migjuba fil-kaz odjern.

Jidher li l-Qorti tal-Magistrati erogat kompetenza u funzjoni li tispetta lill-Qorti tal-Appell. Minflok ma agixxiet bhala qorti ta' Prim'Istanza u ddecidiet il-kaz *ex novo* gharblet il-provi daqs li kieku kienet qorti tal-appell sabiex tara jekk il-Mag. Quintano setax jasal legittimament u ragjonevolment ghall-konkluzjonijiet minnu raggunti!!

Hija ddecidiet ukoll li taghmel referenza ampja ghall-istess sentenza ghaliex skartat bhala inaffidabbli x-xhieda godda li nstemghu biss quddiemha, cjoè Charles Sammut u Noel Azzopardi, raguni li, kif amplifikat aktar 'il quddiem f'dan l-appell, l-appellant bir-rispett ma jistax jaccetta.

Inoltre, hija ghamlet taghha l-konkluzjonijiet tal-istess Qorti [diversament presjeduta mill-Magistrat [illum Imhallef *emeritus*] Quintano] fl-ewwel sentenza tal-Prim'Istanza moghtija fil-konfront tal-esponenti fl- 2009, meta r-ragunijiet ghall-konkluzjoni kienu ferm differenti. Fil-fatt, fis-sentenza tal-2009 il-fatt li c-certu 'Joseph' li kellu problem ta' droga fiz-zmien tal-incident odjern u li kien juza spiss il-vann ma ttellax jixhed[2]. Izda fil-proceduri quddiem il-Mag. Peralta dan 'Joseph'

[2] **"Il-Pulizija v. Carmel Spiteri",** Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, 29/05/2009, p. 10.

ittella' jixhed, ghaliex huwa proprju Charles Sammut li huwa maghruf bhala Joey jew Joseph[3].

Ghalhekk effettivament l-esponenti gie pprivat mill-beneficcju li gie akkordat lilu gustament mill-Qorti tal-Appell li jkollu l-kaz tieghu deciz mill-gdid wara li jinstemghu dawn ix-xhieda importanti ferm, u dana ghaliex l-Ewwel Onorabbli Qorti semplicement abbraccjat id-decizjoni moghtija mill-istess Qorti diversament presjeduta fl-2009!

3. Is-sentenza ma hijiex *safe and satisfactory* – il-provi

Minghajr pregudizzju ghall-aggravju numru 1 u l-aggravu precedenti.

L-esponenti jishaq bir-rispett illi r-ragunijiet moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti ghas-sejbien tal-htija tieghu ma jistghux ikunu accettati minnu. Nuqqasijiet li jnaqqsu mil-livell tac-certezza morali.

Bir-rispett l-appellant isostni li il-Qorti injorat in-nuqqasijiet lampanti fl-evidenza prodotta mill-prosekuzzjoni kif ukoll aspetti kjavi tax-xiehda *in difesa*.

Kemm l-Archbold[4] kif ukoll il-Blackstone[5], fir-rigward tas-*safety test* jaghmlu referenza ghat-taghlim ta' Lord Justice Widgery fil-kaz "R v. Cooper"[6], li rigward dan it-test sahaq is-segwenti:

> "*That means that in cases of this kind* [appell li jgib bhala aggravju li s-sentenza tal-Prim'Istanza hija *unsafe or unsatisfactory*] *the Court must in the end ask itself a subjective*

[3] A fol. 217.
[4] Richardson et al, *Archbold Criminal Pleading, Evidence & Practice* (Sweet&Maxwell 2008) 7-47.
[5] Ormerod et al, *Blackstone's Criminal Practice* (OUP 2011), D25.15.
[6] [1969] 1 QB 267, 53 Cr App R 82.

> *question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done."* [enfasi tal-appellant]

Dan it-test baqa' dejjem jigi uzat mill-Qrati Inglizi sal-lum il-gurnata, hekk kif jixhdu bic-car il-kaz "Litchfield"[7] deciz mill-Qorti tal-Appell fl-1998, u l-kaz "Pendleton"[8], deciz mill-House of Lords fl-2002.

L-appellant umilment jishaq illi fil-kaz odjern is-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti mhux wahda *safe and satisfactory* ghaliex il-provi migjuba fil-konfront tieghu zgur li m'humiex bizzejjed sabiex jeliminaw id-dubbji dettati mir-raguni. Il-*lurking doubt* li ghalih tirreferi l-gurisprudenza sia Ingliza kif ukoll nostrana evidentement fil-kaz odjern jezisti, ghaliex il-provi tal-prosekuzzjoni ma jilhqux il-livell ta' *beyond reasonable doubt,* u dana ghar-ragunijiet segwenti.

3.1 Il-provi tal-prosekuzzjoni

3.1.1 L-inkonsistenzi fit-xiehda tal-ufficjali tal-Pulizija

L-esponenti jirrileva illi hemm inkonsistenzi lampanti fit-testimonjanzi tal-ufficjali tal-Korp tal-Pulizija involuti fil-kaz odjern, specifikament fir-rigward tal-hin li ghamlu jsegwuh bil-karozza u l-hin li fih waqqfuh.

L-Ispettur [illum Assistent Kummissarju] Neil Harrison fix-xiehda tieghu tenna illi huwa baghat ufficjali tal-Korp sabiex iduru fl-inhawi ta' Birkirkara jfittxu li jaraw il-vann li bih instab l-esponenti[9]. Huwa jghid ukoll illi fis-siegha u kwart ta' wara nofsinhar (13:15hrs) il-

[7] [1998] Crim LR 507.
[8] [2002] 1 WLR 72.
[9] A fol. 5.

Pulizija li kienu qieghdin isewgu l-istess ordnijiet, lemhu l-vann in kwistjoni u bdew isegwuh[10].

PS 536 Jason Caruana, li flimkien ma PC 1013 Raymond Debono u PC 1099 Charles Farrugia, kien qieghed fuq din it-tfittxjia, xehed illi huma waqqfu lill-esponenti f'xis-saghtejn u nofs jew it-tlieta ta' wara nofsinhar (14:30-15:00hrs)[11].

Bir-rispett, l-esponenti jishaq illi dawn il-hinijiet digà ma jaghmlux sens.

L-imsemmija ufficjali tal-Pulizija lkoll jaqblu illi huma rawh hdejn ir-*roundabout* ta' Birkirkara, li ghalkemm uhud ma jiftakrux liema *roundabout* kienet konfermata bhala r-*roundabout* ta' hdejn is-*showroom* tal-Vodafone fil-*bypass* ta' Birkirkara. Jaqblu wkoll illi waqqfuh fil-limiti taz-zona maghrufa bhala tal-Ballal, San Gwann. Jaqblu wkoll illi meta ddecidew li jwaqqfuh huma xeghlu s-sirena, saqu ghal quddiem l-esponenti, u huwa waqaf mall-ewwel minghajr ma tahom problemi[12].

Ghandu jigi mfakkar kif dawn il-Pulizija ma kinux qieghdin juzaw xi *marked police car.*

Allura, wiehed jistaqsi, kif ghadda dan il-hin kollu?

Jekk wiehed jikkonsulta mqar *google maps* malajr jinduna li bejn dawn iz-zewg postijiet hemm distanza ta' madwar zewg kilometri u nofs (2.5km), circa hames minuti bil-karozza.

Allura kif ghaddiet aktar minn siegha qabel waqqfuh?

[10] A fol. 6.
[11] A fol. 47.
[12] A fol. 97.

Anke jekk ghall-argument wiehed jaccetta din il-verzjoni, xorta wahda tqum il-mistoqsija fiex hin tassew twaqqaf l-esponenti, u dan ghaliex PC 1099 Raymond Debono jishaq li lill-esponenti waqqfuh fl-erbgha ta' wara nofsinhar (16:00hrs).

Hawnhekk allura, jishaq l-esponenti, ghandna *timeframe* incert, b'nuqqas kbir ta' dettalji dwar x'gara f'dawn l-allegati sieghat li l-Pulizija damu jsewgu lill-appellant, <u>hlief ic-certezza li ma rawh jaghmel xejn li jrawwem suspett.</u>

L-esponenti jishaq f'dan id-dawl li l-verzjoni moghtija minnu hija ferm aktar verosimili, u cjoè li ma kienx dam dan il-hin kollu bil-vann, anzi kien ilu ftit hafna li wassal lil Francis Ebejer fuq il-lant tax-xoghol sabiex ikompli juza ftit il-vann hu.

Fid-dawl ta' dawn l-inkonsistenzi evidenti fix-xiehda tal-ufficjali tal-Pulizija, l-esponenti umilment jishaq li t-testimonjanzi taghhom ma kellhomx jitqiesu bhala affidabbli.

3.1.2 <u>L-istat tal-borza li fiha nstabet id-droga</u>

L-Ewwel Onorabbli Qorti sahqet illi l-fatt li l-borza bid-droga nstabet imqatta' bejn is-*seat* tax-xufier u s-*centre console* jfisser li huwa possibbli li l-borza nharget minn taht is-*seat* min-nies tal-forensika sabiex tigi fotografata ahjar izda possibbli wkoll illli l-borza tqattghet f'tentattiv disperat mill-imputat meta nduna li kien attira l-intenzjoni tal-Pulizija".

Bir-rispett, din hija biss suppozizzjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti li ma hija sorretta mill-ebda prova u li tissussisti biss fil-grad tal-possibbli,

grad li ma huwa livell accettabbli ghal hadd, *multo magis* ghall-prosekuzzjoni!

Fis-sentenza mertu tal-appell odjern, l-Ewwel Onorabbli Qorti ipotizzat illi kien hemm is-sustanza mxerrda mat-tapit mhux, kif qal l-esponenti, ghaliex hija kienet taht is-*seat* tax-xufier u allura ma kienitx tidher, u nharget mill-Pulizija sabiex tigi iffotografata, izda ghaliex hu fil-paniku li kien ser jinqabad harigha minn taht is-*seat* u qatta' l-borza.

Mela allura skond it-tezi tal-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza mertu tal-appell odjern, qabel ma qatta' l-borza l-esponenti ma kienx hemm sustanza mxerrda mat-tapit.

Mela allura skond l-Ewwel Onorabbli Qorti, fis-sentenza mertu tal-appell odjern, ma kienx hemm sustanza mxerrda mat-tapit meta l-esponenti ha l-vann f'idejh, ghaliex dina kienet taht is-*seat* tax-xufier.

F'dan il-kuntest allura wiehed jistaqsi, l-unika raguni li kkonvinciet lill-Ewwel Onorabbli Qorti li kien l-esponenti li carrat il-borza ghaliex kien jaf bid-droga kienet il-possibilità li dan kien minnu?

Ir-risposta jidher li hija "iva", u ghalhekk minhabba li ghall-prosekuzzjoni la l-probabbilità u wisq anqas il-possibilità ma huma bizzejjed, l-esponenti bir-rispett jishaq illi ma hemm xejn li kellu jikkonvinci lill-Ewwel Onorabbli Qorti li huwa kien konxju mid-droga li kien hemm fil-vann, *multo magis* meta jigi tenut kont ta' dak segwenti fir-rigward tal-*fingerprints* u d-difetti l-ohrajn fil-procedura ta' investigazzjoni segwita mill-Pulizija fil-kaz odjern.

Tqum ukoll il-mistoqsija, jekk l-Ewwel Onorabbli Qorti temmen illi l-esponenti hareg il-borza minn taht is-*seat* sabiex jipprova ma

jinqabadx, x'seta' jaghmel b'din il-borza l-esponenti dak il-hin? Zgur illi ma setax jarmiha barra t-tieqa ghaliex kien digà gie mwaqqaf mill-Pulizija. Zgur ukoll illi kieku harigha f'post fejn tidher aktar kien jaqa' suspett akbar fuqu. Allura x'kien qieghed jipprova jaghmel l-esponenti?

Ir-risposta hija cara: l-esponenti ma kien qieghed jaghmel xejn, ghax hu ma messhiex il-borza.

Dan jixhdu wkoll il-fatt illi l-Pulizija ma ghamlu xejn sabiex jigbru evidenza li huwa kien tassew carrat il-borza u xerred id-droga fil-process. Li kieku l-Pulizija kellhom dan is-suspett, huma kienu:

a. Juzaw *vacuum cleaner* sabiex jigbru it-tracci prezenti fil-vann kollu;
b. Jiehdu l-hwejjeg li kien liebes l-esponenti sabiex jigbru t-tracci kollha tad-droga li kien ikollu fuqhom li kieku ghamel hekk; u
c. Jiehdu *fingernail swabs* tal-esponenti [bhal ma jigri fil-kaz ta' tiftix ghal *gunshot residue* fuq persuna suspettata li sparat arma tan-nar] sabiex jikkonfermaw b'liema id kien qatta' l-borza ghaliex kieku ghamel dan indubbjament kien ikollu tacci ta' kokajina fuq idejh.

Il-fatt illi l-Pulizija ma ghamlu xejn minn dan ikompli jikkonferma kemm il-verzjoni moghtija mill-appellant hija aktar verosimili.

Umilment l-appellant jishaq li dan kollu juri kemm hi aktar verosimili il-verzjoni tal-fatti moghtija minnu, u cjoè li l-borza kienet taht is-*seat* tax-xufier, u giet mahruga u mcarrta meta inharget sabiex tigi fotografata mill-Pulizija.

Ghandu jigi mfakkar kif il-Pulizija malli jilbsu l-libsa ta' xogholhom ma jinghatawx doni sopra-naturali li jrenduhom infallibbli – bnedmin

huma dejjem u l-bniedem dejjem suggett ghall-izball (sia genwin u sia malizzjuz).

3.1.3 In-nuqqas ta' *fingerprints* u l-*best evidence rule*

In-nuqqasijiet suespost ma humiex l-unika nuqqasijiet da parti tal-Pulizija li jirrigwardaw il-proceduri odjerni. Huma naqsu wkoll illi jiehdu l-*fingerprints* minn fuq il-borza kontenenti s-sustanza illecita.

Filwaqt li l-Ewwel Onorabbli Qorti qablet li n-nuqqas ta' tehid ta' *fingerprints* minn fuq il-borza kien "nuqqas grossolan min-naha tal-awtoritajiet investigattivi specjalment fl-allegazzjonijiet sussegwenti tad-difizi li dan il-vann kien jinstaq minn diversi persuni", hija skartat din il-linja difensjonali tal-appellant ghal zewg ragunijiet, u cjoè:

i. Ghax hu seta', *a tempo vergine,* jitlob it-tehid tal-*fingerprints;*
ii. Ghaliex xehdu matul il-process il-maggoranza ta' dawk kollha li saqu l-*pick up* li fih instabet id-droga, u "hadd minnhom ma ammetta li d-droga kienet tieghu u hadd ma staqsiehom" [enfasi tal-esponent]

i. L-esponenti seta', *a tempo vergine,* jitlob it-tehid tal-*fingeprints*

Bir-rispett, dawn ir-ragunijiet huma erroneji fil-ligi b'mod manifest. L-ewwel net, minkejja li hu veru li l-esponenti seta' jitlob li jittiehdu l-*fingerprints* minn fuq il-borza, dan certament ma setax jaghmlu *a tempo vergine.* Zgur li wiehed ma jistax jistenna li kull suspettat, b'mod partikolari suspettat li huwa *layperson,* ikollu l-*presence of mind* u l-*awareness* necessarja sabiex jaghmel tali talba, *multo magis* meta l-artikoli tal-ligi li kienu

jippermettulu jaghmel tali talba kienu gew mizjuda permezz tal-Att III tal-2002 inqas minn xahar qabel[13]!

Inoltre, ma huwiex dmir tas-suspettat li jitlob li tingabar l-evidenza. Huwa dmir tal-prosekuzzjoni li tigbor l-evidenza kollha, kemm favur u kemm kontra l-imputat, sabiex tohrog il-verità[14].

Ir-responsabbilità li tigbor il-provi kollha, u li tipprova l-kaz taghha *beyond reasonable doubt,* hija fuq il-prosekuzzjoni. L-esponenti ghandu jgawdi mill-presunzjoni tal-innocenza bl-effetti kollha taghha.

Huwa dmir ukoll tal-prosekuzzjoni li tipprovdi l-Qorti bl-aqwa evidenza.

Kien fl-interess primarju tal-Pulizija li televa l-*fingerprints* minn fuq il-borza, halli ma jkun hemm l-ebda suspett li l-borza odjerna tpoggiet hem mill-Pulizija!!

Fil-kaz odjern huwa ampjament evidenti li l-*best evidence* li setghet iggib il-prosekuzzjoni sabiex tipprova li l-borza bis-sostanza illecita kienet tassew tal-esponenti ma kienitx is-semplici prova li nstab hu jsuq il-vann dak il-hin.

L-aqwa prova kellhom ikunu l-*fingerprints* tieghu [li ma kienux ser jinstabu ghaliex l-esponenti ma huwiex hati], *multo magis*

[13] Artiklu 355BA tal-Kap. 9.
[14] Artiklu 346 tal-Kap. 9.

tenut kont tal-fatt illi diversi xhieda ammettew, kif mall-ewwel sahaq l-esponenti stess, li l-vann kienu jsuquh hafna nies.

L-appellant hawnhekk jishaq b'mod car illi huwa lest li jittiehdu l-impronti digitali tieghu imqar f'dan l-istadju u jigu kkumparati mal-*fingerprints* li hemm fuq il-borza *de quo*!

In-nuqqas da parti tal-prosekuzzjoni li ggib din il-*best evidence* ma ghandux jigi attribwit bhala nuqqas tal-esponenti ghaliex ma talabx ghaliha!

Kellu jsehh proprju l-oppost ta parti tal-Ewwel Onorabbli Qorti, ossia l-fatt li l-prosekuzzjoni tul dawn il-proceduri qatt ma tablet li jittiehdu l-impronti digitali tal-esponenti turi kkif l-istess prosekuzzjoni aktarx hija mbezza' mir-rizultanzi tal-istess!! Dubbju dan li *ex lege* jmur favur l-esponenti u mhux kontrih!

ii. Hadd mis-sewwieqa l-ohrajn tal-vann ma ammetta li d-droga kienet tieghu

L-Ewwel Onorabbli Qorti sahqet illi huwa irrilevanti li ma ttehdux il-*fingerprints* minn fuq il-borza sabiex jitqabblu ma tas-sewwieqa kollha li kienu juzaw il-*pick-up,* u dana ghaliex is-sewwieqa li telghu jixhdu, ma ammettewx li d-droga kienet taghhom!

Bir-rispett, dan ir-ragunament ma ghandux mis-sewwa legali.

Huwa biss fis-serje televizivi bhal *Matlock* li n-nies jitilghu jammettu htijiethom fi proceduri penali mehuda kontra terz, aktar u aktar meta r-reat igorr mieghu piena ta' prigunerija.

Ma jistax wiehed jistenna li xhud jaghzel li jinkrimina ruhu. Huwa proprju ghalhekk li jezisti d-dritt li wiehed ma jinkriminax ruhu!

Dan l-argument ghandu jigi moqri fil-kuntest tax-xiehda li giet provduta, b'mod specjali dik tax-xhieda Charles Sammut u Noel Azzopardi, li r-rilevanza taghhom ghall-kaz odjern hija amplifikata aktar 'il quddiem.

Inoltre, l-Ewwel Onorabbli Qorti ghazlet ukoll li ma tattribwix rilevanza ghall-fatt illi l-Pulizija ghazlu li ma jaghmlux *searches* fil-vetturi l-ohrajn tal-appellant u fir-residenza tieghu, u dana ghaliex "il-Prosekuzzjoni sabet id-droga u l-mizien elettroniku gewwa l-karozza li kien qieghed isuq l-imputat fil-mument ta' seba. Kien wahdu. Kellha l-kaz taghha".

Umilment l-esponenti jsostni li anke dan l-argument jinjora l-*best evidence* rule tant vitali fl-ordinament guridiku nostran.

Fid-dawl tal-fatt illi l-vann li fih instabet id-droga kien jinstaq minn hafna nies, ghaliex il-Pulizija ghazlet li ma taghmilx tfittxija fi proprjetajiet ohrajn tal-esponenti la kienet tant konvinta li d-droga kienet tieghu?

Ma kellhiex aktar interess il-Pulizija tara jekk l-esponenti kellux aktar droga mohbija f'aktar postijiet??

Il-kaz kollu tal-prosekuzzjoni huwa ppernjat fuq il-fatt li l-borza bid-droga kienet tidher. Madanakollu, hekk kif suespost, dan ma huwa xejn hlief frott ta' spekulazzjoni da parti tal-

prosekuzzjoni, ghas-semplici raguni li hija ghazlet ukoll li ma taghmilx analizi tal-*fingerprints* li seta' kien hemm fuq il-borza!

Il-konkluzzjoni tqum wahedha ossia li l-esponenti gie rinfaccjat b'dawn il-proceduri biss ghaliex kien hu li kien bil-vann dak il-hin!

Jistaqsi l-esponenti:

A. Allura xi jghid wiehed ghall-proprjetarju ta' socjetà kummercjali li tikri l-karozzi? Ghandu dan jigi rinfaccjat bi proceduri kriminali u jinstab hati jekk tinstab xi droga f'wahda mill-karozzi li tinkera mis-socjetà?
B. U xufier ta' karozza tal-linja ghandu jinstab hati jekk tinstab id-droga fuq il-karozza tal-linja li jsuq hu?
C. U imprenditur li jimpjega diversi nies mieghu huwa hati jekk tinstab id-droga f'wahda mill-vetturi tax-xoghol li tigi uzata mill-impjegati tieghu?
D. U persuna li toqghod gewwa appartament fi blokka ma' appartamenti ohra hija hatja jekk id-droga tinstab f'parti mill-komun?
E. U l-proprjetarju tal-*Captain Morgan ferries* huwa hati jekk tinstab id-droga fuq xi *ferry* minn tal-istess ditta?
F. U l-proprjetarju ta' *hotel* huwa hati jekk tinstab id-droga f'wahda mill-kmamar tal-istess?
G. U jekk iben isuq, b'mod legali, il-karozza proprjetà ta' missieru, huwa l-missier li ghandu jigi rinfaccjat bi proceduri penali jekk l-iben ikollu l-vizzju tad-droga u din tinstab fl-istess karozza?

L-appellant bir-rispett jishaq illi dawn il-hafna xenarji juru bl-aktar mod car id-dubbju ragjonevoli li jezisti fil-proceduri odjerni, dubbju li seta' facilment jigi ccarat kieku l-prosekuzzjoni gabet l-ahjar provi kif inhu dmirha li ggib.

Fin-nuqqas, bhall-kaz odjern, ma tkunx ippruvat il-kaz taghha skond il-ligi!

Ghaldaqstant l-esponenti umilment isostni li n-nuqqas ta' tehid ta' *fingerprints,* kif ukoll in-nuqqas ta' tfittxijiet ulterjuri fil-konfront tieghu, juru kif il-prosekuzzjoni ma segwietx il-*best evidence rule* u ghalhekk kellhom jittiehdu in konsiderazzjoni favur tieghu, fejn meta hekk isir u wiehed jikkunsidra l-provi in difesa, jemergi kif il-prosekuzzjoni kienet ferm 'il boghod milli tilhaq il-livell tac-certezza morali.

3.2 Il-provi in difesa

L-Ewwel Onorabbli Qorti kkunsidrat diversi xhieda bhala inkonsistenti u ghalhekk mhux affidabbli, b'mod specjali Charles Vella u Francis Ebejer minhabba l-kontradizzjonijiet fix-xiehda taghhom.

L-ewwel nett l-appellant umilment isostni illi l-inkonsistenzi fit-testimonjanzi ta' dawn iz-zewg xhieda huma *de minimis.* Dawn l-inkonsistenzi jirrigwardaw dettalji koncernanti Charles Sammut, maghruf bhala 'Joey' jew 'Joseph', li kien il-'Joseph' li kienu jirreferi ghalih fir-rigward tat-tielet haddiem fuq il-lant tax-xoghol gewwa t-'31 Bar' ta' Birkirkara.

Dan Sammut kien difficli sew sabiex tittraccah, tant li dam ferm ma ttella' jixhed. Parti mir-raguni kienet ghaliex il-haddiema l-ohrajn ma kienux jafu kunjomu,

izda huwa ferm komuni f'dan it-tip ta' xoghol li wiehed ma jkunx maghruf b'ismu u kunjomu, izda biss b'xi laqam. Ghaldaqstant nuqqas ta' certezza firrigward ta' fejn kien joqghod hija, jishaq umilment l-esponenti, ferm skuzabbli.

Inoltre dawn ix-xhieda ma qablux fuq il-mod kif dan Joseph kien jasal fuq il-lant tax-xoghol.

Bir-rispett l-appellant isostni illi dawn huma zbalji li m'ghandhom qatt iwasslu sabiex it-testimonjanzi ta' dawn ix-xhieda jigu skartati bhala inaffidabbli, u dan ghaliex l-inkonsistenzi ma jikkoncernawx il-pern tal-kaz.

Inoltre, l-appellant bir-rispett jishaq illi, ghall-kuntrarju ta' dak li tenniet l-Ewwel Onorabbli Qorti, dawn il-kunflitti zghar bejn xhud u iehor juru bl-aktar mod car li ma kienux 'ikkowcjati' fix-xiehda taghhom, kif emmnet l-istess Qorti, anzi juru bl-aktar mod evidenti li huma xehdu kif suppost u cjoè spontanjament.

Certament, jishaq umilment l-esponenti, li l-aspett li fih ma qablux dawn iz-zewg xhieda in difesa huwa ferm anqas importanti mid-dettalji rilevanti hafna li ma qablux fuqhom l-ufficjali tal-Korp tal-Pulizija involuti fil-kaz odjern, hekk kif su espost.

Allura tqum il-mistoqsija: l-esponenti ghandu jbati l-fatt illi huwa ma ppruvax jinterferixxi mal-mod kif kellhom jixhdu dawn is-sewwieqa l-ohrajn tal-vann?

Bla dubbju ta' xejn ir-risposta ghandha tkun le.

Id-differenzi minimali li jezistu fit-testimonjanzi ta' Charles Vella u Francis Ebejer ma kellhomx, isostni l-esponenti, iwasslu lill-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex tiddeskrivihom bhala 'inaffidabbli', aktar u aktar meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni t-trapass ta' zmien bejn il-fatti mertu tal-kaz odjern u meta huma ddeponew.

Il-fatt li jemergi bl-aktar mod car minn dak li qalu d-diversi xhieda fil-kaz odjern huwa li l-vann li fih instabet id-droga kokajina kien verament jinsaq minn hafna nies. Dan huwa aspett li, ghar-ragunijiet suesposti, bir-rispett ma giex analizzat b'mod gust mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

Huwa fatt li jassumi rilevanza ta' importanza qawwija b'mod specjali fid-dawl tat-testimonjanzi ta' Charles Sammut maghruf bhala 'Joey' jew 'Joseph', u Noel Azzopardi.

Charles Vella jtenni, bhal ma kkonfermaw ix-xhieda l-ohrajn, illi l-esponenti kien imur jittawwal sabiex jara li l-haddiema kienu ghaddejin b'xogholhom fit-'31 Bar', u ma kienx ikun hemm fuq bazi regolari[15] ghaliex kien ikun imhabbat bix-xoghol l-iehor tieghu, u cjoè dak marbut mal-*confectionary* bl-isem ta' *Captain Cook.*

Inoltre, l-istess Vella jghid li l-vann kien juzah Francis Ebejer filghodu, izda kienu juzawh diversi nies, anke huwa stess izda ta' spiss kien juzah 'Joseph', matul il-gurnata sabiex jaghmlu xi qadjiet[16].

Fil-fatt, fil-gurnata meta l-esponenti twaqqaf mill-Pulizija u nstabet id-droga fil-*pick up* Toyota, dan il-*pick-up* kien ghand l-istess Sammut ftit mumenti qabel ma beda jsuqu l-esponenti[17].

L-Ewwel Onorabbli Qorti hawnhekk hasset illi ghandu jinghata rilevanza l-fatt illi l-appellant, fix-xiehda tieghu, kien qal illi dakinhar filghodu l-vann kien ghand Francis Ebejer. Madanakollu, hekk kif jghid bl-aktar mod semplici Charles Vella, l-esponenti kien qed jimxi biss fuq dak li seta' jassumi ghaliex is-soltu Ebejer kien juza l-vann filghodu.

---

15 A fol. 130.
16 A fol. 131.
17 A fol. 132.

L-esponenti ma setax ikun jaf min effettivament kien uza l-vann, ghaliex ma kienx ikun hemm fuq il-lant tax-xoghol[18].

Rigward il-mod ta' kif kien jintuza l-vann, u cjoè aspett importanti, Francis Ebejer jaqbel fl-intier ma' Vella[19].
It-testimonjanza ta' Charles Sammut hija illuminanti rigward id-dubbju lampanti li ghandu jqum rigward jekk id-droga misjuba fil-vann kienitx verament tal-appellant jew le.

Sammut jibda billi jikkonferma li huwa maghruf bhala 'Joey' u dana minhabba li jkun ta' spiss ma huh il-kbir Joseph[20]. Jikkonferma wkoll li kien hu li, flimkien ma' Francis Ebejer u Charles Vella, kienu gew *sub-contracted* mill-appellant sabiex jahdmu fit-'31 Bar'[21].

Jishaq ukoll Sammut, fix-xiehda tieghu, li huwa kien ta' spiss juza l-vann mertu tal-kaz odjern[22], u fil-fatt ikkonferma li kien hu saqu filghodu dakinhar tal-arrest tal-esponenti[23].

Izda l-aktar aspett importanti tax-xiehda tal-istess Sammut johrog minn dak li ghazel li ma jwegibx.

Mistoqsi jekk fiz-zmien li gara l-kaz huwa kellux "xi vizzju", mall-ewwel staqsa lill-Qorti "jista' jaghmilhomli Sur Magistrat dawn?"[24]

Wara li gie avzat bid-dritt li ma jwegibx jekk ikun jista' jinkrimina ruhu, ghazel li ma jwegibx. Ghazel li ma jwegibx ukoll ghall-mistoqsijiet jekk kienx imur id-

[18] A fol. 132.
[19] A fol. 144.
[20] A fol. 215-216.
[21] A fol. 217.
[22] A fol. 218.
[23] A fol. 224.
[24] A fol. 219.

Detox, jekk kellux kazijiet mal-Pulizija rigward droga, u ghaliex kien jargumenta ma' Charles Vella[25].

Dan huwa xhud li l-Qorti qalet u ppretendiet li jigi mistoqsi minn xi parti jekk id-droga mertu tal-proceduri kienitx tieghu u minn dan ix-xhud ippretendiet ammissjoni! Il-hobz kulhadd minn halqu jieklu, però donnu li l-Ewwel Qorti piz ta' xejn ma tat lil din ir-reazzjoni! Min jirreagixxi hekk, jekk mhux min irid jghatti xawwatu!?! Minn xiex beza' Sammut?

L-istess jemergi mix-xiehda ta' Noel Azzopardi, li minkejja li ma kienx jahdem fuq ix-xoghol ta' tibjid u madum fit-'31 Bar' izda kellu x'jaqsam max-xoghol tal-*Captain Cook,* kien ukoll isuq il-famuz vann Toyota ahmar[26].

Mistoqsi l-istess mistoqsijiet li gew maghmulin lil Sammut, u cjoè jekk kellux vizzji fiz-zmien meta gara l-kaz odjern, jekk kienx imur id-Detox, u jekk kellux kawzi tal-Pulizija rigward droga, Azzopardi ghazel ukoll li ma jwegibx[27].

F'dan ir-rigward tingibed l-attenzjoni ghan-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni, fejn jinghad li Azzopardi huwa maghruf mal-Pulizija minhabba problemi ta' droga[28]. Aktar u aktar jemergi mela u jinftiehem ghalfejn Azzopardi ma wiegeb xejn. Assistent Kummissarju tad-Drugs Squad jiftakar fil-persuni vittmi tad-droga, jew jiftakar fil-*pushers* u traffikanti tad-droga?

L-esponenti huwa ben konxju tad-dritt li wiehed ma jinkriminax ruhu, u bl-ebda mod ma hu qieghed jipprova jattakka dan id-dritt. Madanakollu, jishaq umilment li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet zbaljata ferm meta skartat id-dubbju

[25] A fol. 219.
[26] A fol. 233.
[27] A fol. 234.
[28] Pagna 2 tan-nota.

li jinholoq mill-fatt illi l-vann li fih instabet id-droga kien jinsaq minn hafna nies ghar-raguni li "hadd minnhom ma ammetta li d-droga kienet tieghu u hadd ma staqsiehom"!

Bir-rispett, dawn ix-xiehda ezercitaw id-dritt taghhom li ma jirrispondux anke meta gew mistoqsija jekk kellhomx vizzju fiz-zmien li gara l-kaz odjern! Seta' kien vizzju legali, bhat-tipjip, izda dawn immedjatament xeghlitilhom bozza f'rashom li ma kellhomx iwiegbu ghal din il-mistoqsija.

*Multo magis*, isostni umilment l-esponenti, kemm kienu ser jammettu li d-droga kienet taghhom!

Dan qieghed jinghad anke fil-kuntest tal-fatt illi l-Ewwel Onorabbli Qorti rriteniet lil dawn iz-zewg xhieda mhux kredibbli ghaliex it-testimonjanza taghhom kienet inkonsistenti. Bir-rispett, l-esponenti ma jarax fejn kienu dawn l-inkonsistenzi. Anzi, ix-xhieda kienu konsistenti ferm, specjalment fir-rigward tar-rifjut taghhom li jirrispondu kwalsijasi domanda li seta' kellha xi tip ta' *link* ma' droga.

Fid-dawl tas-suespost l-appellant umilment jishaq li hemm ferm iktar minn semplicement *a lurking doubt* dwar jekk saritx ingustizzja fil-konfront tieghu:

A. X'hin effettivament waqqfuh il-Pulizija?
B. Kemm damu jsegwuh qabel waqqfuh?
C. Huma kredibbli x-xhieda tal-Prosekuzzjoni li ftit li xejn setghu jiftakru x'kien gara?
D. Fejn kienet il-borza bid-droga meta waqqfuh?
E. Jekk kienet digà mqatta' u s-sustanza mxerrda mat-tapit, ghaliex ma hadux il-hwejjeg tal-esponenti?

F. Ghaliex ma hadux *fingernail swabs* sabiex ifittxu ghal tracci tal-istess sustanza fuq idejn l-esponenti?
G. Ghaliex ma ttehdux *fingerprints* minn fuq l-istess borza sabiex jitqabblu ma' tal-esponenti, mhux biss *a tempo vergine* izda lanqas waqt il-proceduri penali?
H. Ghaliex ma sarux aktar *searches* f'vetturi ohrajn u r-residenza tal-esponenti sabiex jaraw jekk kienx hemm xi haga ohra li torbtu mad-droga misjuba?
I. Ghaliex ma nstabux tracci ta' droga fuq il-mizien elettroniku li nstab fil-vann jekk kien qieghed jintuza ghal ragunijiet illeciti?
J. Ghaliex Charles Sammut u Noel Azzopardi [dan tal-ahhar maghruf sew mad-Drugs Squad] rrifjutaw li jwiegbu jekk kellhomx xi vizzju fiz-zmien tal-kaz?
K. Ghaliex baqa' ma sar xejn rigward impronti digitali meta l-Pulizija saret taf kemm kienu jsuquh nies ohrajn il-vann?
L. Ghaliex baqa' ma sar xejn rigward impronti digitali meta l-Pulizija saret taf li uhud minn dawn in-nies kienu digà maghrufin maghha minhabba problemi ta' droga?

Dawn huma lkoll mistoqsijiet li ma ghandhomx risposta fid-dawl tal-provi prezenti fil-kaz mertu tal-appell odjern. L-esponenti umilment jishaq illi dan jikkrea ferm aktar minn *a lurking doubt.* Jezistu dubbji kbar dettati mir-raguni li *ex lege* jimmilitaw favur il-liberatorja, izda l-Ewwel Onorabbli Qorti, bir-rispett, ma hadithomx in konsiderazzjoni kif trid il-Ligi.

3.3 L-ezercizzju maghmul mill-Ewwel Onorabbli Qorti

Bir-rispett l-esponenti jishaq illi l-Ewwel Onorabbli Qorti fid-decizjoni taghha, ghamlet ezercizzju li huwa f'kunflitt dirett ma' tliet principji kardinali tal-ligi penali, u cjoè:

a. Il-prezunzjoni tal-innocenza;
b. L-oneru tal-prova ta' htija jinkombi fuq il-prosekuzzjoni;
c. Sabiex tinstab htija, din trid tkun giet ipprovata lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Hekk kif jidher b'mod manifest mill-mod kif l-Ewwel Onorabbli Qorti skartat l-argumenti migjuba fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-esponenti, il-Qorti ghamlet ragunament *a contrariu sensu* tal-prezunzjoni tal-innocenza. Minflok ma gharblet il-provi sabiex tara jekk il-prosekuzzjoni rnexxilhiex turi li l-appellant huwa hati, fliet il-provi sabiex tara jekk it-tezi tad-difiza gietx ipprovata.

Minghajr pregudizzju ghall-fatt illi l-esponenti jishaq illi t-tezi tad-difiza giet ipprovata u hija l-verità, dan ma huwiex l-ezercizzju mitlub minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Fil-kamp penali l-prezunzjoni tal-innocenza u l-principju *onus probandi incumbit ei cui dicit non ei cui negat* jimxu id f'id. Hija l-prosekuzzjoni li ghandha l-piz li turi l-htija tal-akkuzat. L-akkuzat jassumi l-piz tal-prova biss fir-rigward tal-linji difensjonali tieghu bbazati fuq il-provi.

Umilment l-esponenti jtenni illi s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti hija, fiha nfisha, prova cara li l-Qorti applikat dawn il-principji bil-maqlub. Fil-fatt, fis-sentenza ma hemm xejn li jindika ghaliex il-Qorti emmnet it-tezi tal-prosekuzzjoni. Hemm biss ir-ragunijiet ghaliex il-Qorti ddecidiet li ma tabbraccjax il-linji difensjonali proposti mill-esponenti.

Dan huwa evidenti wkoll mill-fatt illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ssemmi biss min kienu x-xhieda tal-prosekuzzjoni. Ma taghmel ebda riferenza ghal x'xehdu u kif xehdu, jew ghaliex emmnithom jew ghaliex fil-fehma taghha lahqu l-grad ta' prova rikjest mil-ligi. Ghall-kuntrarju, diversi xhieda in difesa saret riferenza ampja ghalihom fis-sentenza flimkien mar-ragunijiet ghaliex il-Qorti ma tatx widen ghalihom.

Bir-rispett l-appellant isostni li dan ma ghandux mis-sewwa legalment. Il-Qorti ghandha l-ewwel tara jekk il-prosekuzzjoni rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha,

imbaghad tghaddi sabiex tara jekk il-linji difensjonali tal-akkuzat humiex tali li ghandu jigi skagunat jew il-piena tieghu ridotta, u dana minhabba s-solennità tal-proceduri penali.

Huwa ghalhekk ukoll li l-ligi penali timponi oneru ta' prova aktar iebes fuq il-prosekuzzjoni, dak ta' *beyond reasonable doubt*. Umilment, l-appellant isostni illi fil-kaz odjern l-Ewwel Onorabbli Qorti injorat dan il-principju kardinali, u minflok imbarkat fuq ezercizzju ta' eliminazzjoni wiehed b'wiehed tax-xhieda in difesa, u meta rat li ghal raguni jew ohra dawn tnehhew mill-istampa, u ma kienx ghad fadal skond Hi imqar prova wahda favur l-esponenti, accettat li l-prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha: *guilty by exclusion*.

Bir-rispett, dan m'ghandux isehh fil-kamp penali.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jishaq illi l-kaz odjern ma giex deciz kif trid il-Ligi u b'mod gust.

4. <u>Il-*mens rea*</u>

Minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti.

Hekk kif issottometta l-esponenti fin-nota li pprezenta quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-assjem tal-fatti juri li huwa ma setax ikollu l-*guilty mind* rikjest mil-ligi ghall-pussess aggravat tad-droga misjuba.

Fil-gurisprudenza nostrana, f'dan il-kamp dejjem issir riferenza ghal dak Ingliz, deciz mill-Qorti tal-Appell Ingliza fil-kaz "R v. McNamara"[29]. Hawn gew elenkati il-principji li ghandhom jigu segwiti sabiex jigi stabbilit il-pussess fil-kamp penali[30]:

---

[29] [1988] 87 Cr App R 246 – riportat f'Archbold, *Criminal Pleading, Evidence and Practice,* (2008) Sweet&Maxwell, p. 2506.

[30] Dawn huma principji li gew abbraccjati wkoll mill-*House of Lords* fil-kaz **"R v. Lambert"** [2001] UKHL 37.

1. *"A man does not have possession of something which has been put into his pocket or house without his knowledge;*
2. *A mere mistake as to the quality of a thing under the defendant's control is not enough to prevent him being in possession – for example, in possession of heroin believing it to be cannabis or aspirin;*
3. *If the defendant believed that the thing was of a wholly different nature to that which in fact it was, then…the result would be otherwise;*
4. *In the case of a package or box, the defendant's possession of it led to a strong inference that he was in possession of the contents. However, where the contents were quite different in kind from what he believed, he was not in possession of them."*

L-esponenti umilment jissottometti li hawnhekk japplika minghajr l-ickejn dubbju il-principju kkwotat fis-subinciz 1, u dan fid-dawl ta' dak suespost rigward l-uzu tal-vann minn diversi persuni.

Huwa principju kardinali tad-dritt kriminali illi hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-elementi tar-reat, u f'dan il-kaz li l-esponenti kien jaf bid-droga. Madanakollu, l-unika hekk imsejjha prova li gabet il-prosekuzzjoni f'dan ir-rigward huma r-ritratti tal-borza bil-kokajina bejn is-*centre console* u s-*seat* tas-sewwieq.

Oltre ghall-ammont ta' droga misjub, iz-zewg elementi li l-prosekuzzjoni allegat li kienu juru l-pussess <u>xjenti</u> tad-droga kokajina f'cirkostanzi li jindikaw li ma kienitx ghall-uzu personali tal-esponenti, kienu l-ammont ta' flus misjub fuqu, u l-mizien elettroniku li nstab fil-vann.

4.1. <u>In kwantu ghall-flus</u>

Huwa minnu li Adrian Marmara xehed illi l-hames mitt lira Maltin (Lm500) li ta lill-esponenti bhala kapparra ghall-bejgh ta' mutur tieghu tahomlu gurnata qabel. Madanakollu, minkejja dan fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati presjeduta mill-Magistrat [illum Imhallef *emeritus*] Quintano tad-29 ta' Mejju 2009, liema sentenza l-Ewwel Onorabbli Qorti abbraccjat, ix-xiehda ta' Marmara gie emmnuta, tant li l-flus gew rilaxxati lill-esponenti.

Tenut kont tal-fatt li l-Pulizija sahqu li huma ghamlu sieghat twal isuqu warajh u ma nnotaw xejn suspettuz u l-ebda movement hazing tal-esponenti, ma huwiex mifhum kif il-Mag. Peralta wasal ghal konkluzjoni diversa minn dik tal-Mag. Quintano f'dan ir-rigward.

4.2. <u>In kwantu ghall-mizien</u>

Fir-rigward tal-mizien, l-Ewwel Onorabbli Qorti sahqet illi dan seta' gie mnaddaf ghaliex il-Pulizija ghamlu sieghat isuqu wara l-esponenti.

Jqumu ghalhekk is-segwenti mistoqsijiet:

A. Meta seta' tnaddaf mid-droga dan il-mizien?
B. Kif jista' wiehed inaddaf mizien waqt li jkun qieghed isuq?
C. U jekk dan il-mizien tnaddaf, biex tnaddaf?
D. Ghaliex ma ngabitx prova tad-*duster* jew *tissue* jew haga ohra li ntuzat sabiex dan jitnaddaf?
E. Jekk dan il-mizien tnaddaf, tnaddaf waqt li l-Pulizija kienu qieghdin isegwu lill-esponenti huwa u jsuq?

L-Ewwel Onorabbli Qorti sahqet ukoll illi, anke jekk ma ntuzax qabel, dan ma jfissirx li ma kienx ser jintuza sabiex tinbiegh id-droga. Assunzjoni din li ma tammonta ghal xejn.

L-appellant umilment isostni li din ma hija xejn hlief suppozizzjoni. Bl-istess mod, x'kien jindika li dan il-mizien ma kellux jintuza sabiex jizen ir-ravjul li l-esponenti kien ibiegh fin-negozju tieghu tal-*Captain Cook*? Jerga' jtenni bir-rispett l-appellant, il-grad tal-possibbli ma huwa tajjeb ghal hadd.

Fid-dawl tas-suespost, l-esponenti umilment isostni illi hemm diversi dubbji serji dettati mir-raguni rigward il-htija tieghu u ghalhekk is-sentenza moghtija fil-konfront tieghu mill-Ewwel Onorabbli Qorti ma tistax titqies bhala wahda *safe and satisfactory* u ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti ghandha, eccezzjonalment, tezercita d-diskrezzjoni taghha sabiex terga' tgharbel il-provi.

5. Il-piena

Minghajr pregudizzju ghal dak suespost, l-appellant isostni li, fil-kaz ta' sejbien ta' htija, il-piena inflitta fuqu kienet harxa wisq u mhux skond il-Ligi.

5.1 il-vjolazzjoni tal-artikolu 28A u 28B tal-Kodici Kriminali

Illi ma jista qatt jkun hemm dikjarazzjoni ta' htija tal-esponenti li huwa b'xi mod li kien kiser is-sentenza ta' prigunerija sospiza mposta fuqu mil-Magistrat Lofaro u dana stante li din is-sentenza ma giet ippresentata qatt. Dan jemergi mil-principju *quod non est in acti non est in mundo.*

5.2 Il-konverzjoni tal-*multa*

L-ewwel nett l-esponenti jishaq illi r-rata li biha l-Ewwel Onorabbli Qorti ordnat li l-multa inflitta fuqu tigi konvertita fi granet ta' prigunerija jekk ma tithallasx ma huwiex skond il-Ligi prezenti.

L-artiklu 11, sub-inciz (3) tal-Kap. 9 jtenni illi piena ta' multa, jekk ma tithallasx, tigi konvertita f'jum prigunerija ghal kull hamsa u tletin ewro (€35) li ma jithallsux.

Madanakollu l-Ewwel Onorabbli Qorti ordnat li l-konverzjoni ssir ta' jum prigunerija ghall kull hdax-il ewro u hamsa u sittin centezmu li ma jithallsux (€11.65). Din kienet ir-rata tal-konverzjoni tal-multa fis-sena 2009. Ma ntebhitx l-Ewwel Qorti li mis-sena 2009 sas-sena 2014 kien hemm tibdil fl-artikolu 11(3) tal-Kodici Kriminali.

Bir-rispett l-esponenti jishaq li dan huwa bi vjolazzjoni tal-istess artiklu 11(3) su riferit u ghalhekk, minghajr pregudizzju ghal dak su espost rigward il-fatti, f'kaz ta' konferma da parti ta' dina l-Onorabbli Qorti tas-sejbien ta' htija tieghu, kwalsijasi multa li tigi erogata fil-konfront tieghu ghandha tkun konvertibbli f'jum prigunerija ghal kull hamsa u tletin ewro (€35) li ma jithallsux.

5.3 Il-piena ta' prigunerija

L-esponenti bir-rispett isostni li l-piena ta' prigunerija inflitta fuqu hija harxa wisq. Hawnhekk l-appellant jaghmel riferenza anke ghad-dewmien li ha l-kaz odjern. L-incident mertu tal-kaz sehh fl-2002, u l-ewwel sentenza li nghatat fil-konfront tieghu kienet dik tal-2009. Inoltre, minhabba difett procedurali li wassal ghall-annullament tas-

sentenza, u li ma kienx tort tal-esponenti, huwa kellu jistenna sal-2014 ghal sentenza valida tal-Prim'Istanza.

Il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem ghamlet car, f'kazijiet bhal "Beck v. Norway"[31] u "Jensen v. Denmark"[32] illi d-dewmien huwa partikolarment hazin f'kawzi ta' natura kriminali. Ghalhekk, meta proceduri kriminali jdumu aktar milli jkollhom idumu, huwa preferibbli li l-piena erogata tkun inqas minn dik normalment inflitta fuq kawzi tal-istess tip sabiex id-drittijiet tal-hati jkunu salvagwardjati.

Ghalhekk fil-kaz odjern l-esponenti umilment jishaq illi ghandha tigi segwita din il-prassi mfahhra mill-Qorti ta' Strasbourg u l-piena erogata fil-konfront tieghu ghandha tigi mnaqqsa ghal wahda aktar miti.

Ikkunsidrat:

Irrizulta illi fit-tnax (12) ta' Ġunju tal-elfejn u tnejn (2002) ufficcjali tal-pulizija ntbaghtu jintercettaw lill-appellant waqt illi dan kien qed isuq Birkirkara. L-appellant twaqqaf San Gwann fl-inhawi maghrufa bhala Tal-Balal, saret tfittxija fil-karozza illi kien qieghed juza u nstabet borza ta' erbgha u tletin gramma (34 grs) ta' sustanza bajada identifikata kokaina. Il-pulizija ressqu lill-appellant biex iwiegeb ghall-akkuzi kif jidhru fil-bidu ta' dan il-gudikat u l-ewwel darba li nghatat sentenza fil-konfront tieghu kien fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju elfejn u disgha (2009). Din is-sentenza giet appellata u l-Qorti tal-Appell laqghet l-appell tal-appellant stante li sabet difetti procedurali fis-sens illi x-xhieda ta' persuna tad-Difiza, Noel Azzopardi ma kinitx giet traskritta u inoltre ordnat lill-Qorti tal-Magistrati tiddeciedi dik il-kawza mill-gdid wara li dik it-traskrizzjoni u xhieda ohra li setghu jittellghu mid-Difiza jinstemghu. In effetti l-Qorti tal-Appell annullat is-sentenza tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju tal-elfejn u disgha (2009) u ordnat lill-Qorti tal-Magistrati

---

[31] App. Nru. 26390/95, deciza 26/06/2001 – rigward dewmien ta' 3 snin biss, inkluz l-istadju tal-appell.

[32] App. Nru. 48470/99, deciza 14/02/2002 – rigward dewmien ta' ftit aktar minn 4 snin u nofs, fejn il-kawza giet risolta barra mill-Qorti ghaliex il-Gvern Daniz hallas kumpens lir-rikorrent.

tisma' x-xhieda msemmija mill-gdid u taghti decizjoni mill-gdid. Izda jidher illi l-Qorti tal-Magistrati m'ghamlitx hekk peress illi fid-decide taghha a fol 343 qalet, "Fil-fehma tal-Qorti, xejn mill-fatturi ta' dan ir-reat ma inbidel bit-testimonjanza ta' dawn iz-zwieg xhieda u ghalhekk ma tarax ghar-ragunijiet gewwa premessi, m'ghandhiex taghmel taghha l-konkluzjoni illi waslet ghalihom il-Qorti tal-Prima Istanza fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju elfejn u disgha (2009) kif ukoll li tinfliggi l-istess piena."

Bir-rispett kollu, l-ewwel Qorti ma setghetx taghmel taghha sentenza illi kienet digà annullata mill-Qorti tal-Appell, izda kellha tikkonsidra l-kaz mill-gdid, taghti r-ragunijiet ghad-decizjoni taghha u tinfliggi l-piena skont il-kaz, fl-isfond tal-konsiderazzjonijiet maghmula. Ma hemmx dubbju, illi d-dicitura tal-ewwel Qorti kienet wahda sfortunata u ghad illi kellha d-dritt tinfliggi l-istess piena illi infliggiet il-Qorti ta' Prima Istanza fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju tal-elfejn u disgha (2009), dan setghet taghmlu billi taghmel l-argumenti u konkluzjonijiet taghha u mhux ta' dik is-sentenza li allura giet annullata. F'dan is-sens, kwindi, l-ewwel aggravju tal-appellant jidher illi huwa gustifikat peress illi kif inghad, l-ewwel Qorti ma setghet qatt taghmel taghha konkluzjonijiet ta' sentenza li giet iddikjarata nulla mill-Qorti tal-Appell.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant, tiddikjara s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-sbatax (17) ta' Lulju elfejn u erbatax (2014) bhala nulla u bla effett u tordna li a kura tar-Registratur ta' din il-Qorti l-atti jigu rinvjati lill-Qorti tal-Magistrati sabiex wara li tikkonsidra l-provi (inkluzi x-xhieda ta' Charles Sammut, fol 215 u Noel Azzopardi, fol 231) tiddeciedi l-kawza mill-gdid.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------